MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2013

Rikors Kongunt Numru. 111/2014

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

1. Illi r-rikorrenti zzewwgu civilment fl-ufficju tar-Registru Pubbliku, Valletta nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija, sebgha u disghin (1997) u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok ‘VAP 1’;
2. Illi l-kontendenti ghandhom tifel maggorenni, Nicodeme, li llum ghandu l-eta ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena, kif jidher mic-Certifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘VAP 2’;
3. Illi l-hajja konjugali bejn r-rikorrenti ma baqghatx aktar possibli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali

bejniethom u fil-fatt ilhom separate de facto mis-sena elfejn u erbgha (2004). Konsegwentement r-rikorrenti resqu ghal separazzjoni personali permezz ta' kuntratt datat ghaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) fl-atti tan-Nutar Dr James Grech, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'VAP 3' u dan wara li gew awtorizzati permezz ta' digriet opportun datat erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011);

4. Illi r-rikorrenti ilhom separati de facto ghal iktar minn disa' (9) snin, ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
5. Illi skont il-kuntratt surreferit il-kontendenti rrinunzjaw reciprokament ghal manteniment u ghaldaqstant ma jezistu ebda pendenzi f'dan ir-rigward;
6. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

(i) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti;
(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Salv kull provvediment iehor li din il-Qorti joghgobha tordna;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April, 2014;

Rat l-affidavits bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-10 ta' Ottubru, 2011 u ilhom de facto separate mis-sena 2004;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------